MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Appell Civili Numru. 2/2005/1

**Stephen Koludrovic (I.D. 2007276(P))**

**vs**

**Maria Dolores armla minn William Micallef, Peter Micallef u Dottor Paul Micallef f'ismu proprju u bhala mandatarju ta'l-assenti Elenora sive Noreen Leone Ganado**

**Il-Qorti,**

Rat is-sentenza datata 6 ta' Novembru 2012 moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera, fejn ġie deċiż dan li ġej:-

***"Il-Bord:***

*Ra c-citazzjoni in ezami li biha l-attur wara li ppremetta illi l-attur ghadu kif gie notifikat b'mandat ta' zgumbrament fl-ismijiet inversi numru 1034/05 (Dok A) skond liema mandat intalab jizgombra mill-fond Flat 1, Dr Rohan Flats, 19, Philip Sciberras Square, Floriana.*

*Illi mill-imsemmi mandat jidher illi fl-14 ta' Mejju 2005 giet deciza mill-Bord li Jirregola l-Kera (Mag. J. Cassar) sentenza fl-ismijiet inversi (Rikors numru 16/2005) (Dok B) fejn l-attur gie ordnat jizgombra mill-fond Flat 1, Dr Rohan Flats, 19, Philip Sciberras Square, Floriana.*

*Illi huwa qatt ma gie notifikat bir-rikors promotur li ta lok ghas-sentenza a bazi ta' liema qed jintalab l-izgumbrament in kwistjoni u dan kif ser jirrizulta waqt is-siegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza.*

*Illi ghalhekk jezistu cirkostanzi sabiex titalab ir-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet inversi li tat lok ghall-mandat ta' zgumbrament in kwistjoni u dan ai termini ta' l-artikolu 811(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi kontestwalment qed tigi ppresentata wkoll citazzjoni a tenur ta' l-artikolu 823(2) ta-Kap. 12 fejn qed tintalab is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza.*

*Talab sabiex il-konvenuta jghidu il-ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:*

i. *Thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza fl-ismijiet inversi moghtija fl-14 ta' Mejju 2005 mill-Bord li Jirregola l-Kera (Mag. J. Cassar) (Rikors numru 16/2005).*

ii. *Tordna r-ritrattazzjoni mill-gdid tal-kawza.*

*Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenuti ingunti in subizzjoni.*

*Ra d-dikjarazzjoni guramentata mill-istess attur (fol 2 tal-atti) li biha espona bir-rispett:*

*1. Illi l-attur ghadu kif gie notifikat b'mandat ta' zgumbrament fl-ismijiet inversi numru 1034/05 (Dok A) skond liema mandat intalab jizgombra mill-fond Flat 1, Dr Rohan Flats, 19, Philip Sciberras Square, Floriana.*

*2. Illi mill-imsemmi mandat jidher illi fl-14 ta' Mejju 2005 giet deciza mill-Bord li Jirregola l-Kera (Mag. J. Cassar) sentenza fl-ismijiet inversi (Rikors numru 16/2005) fejn l-attur gie ordnat jizgombra mill-fond Flat 1, Dr Rohan Flats, 19, Philip Sciberras Square, Floriana.*

*3. Illi huwa qatt ma gie notifikat bir-rikors promotur li ta lok ghas-sentenza a bazi ta' liema qed jintalab l-izgumbrament in kwistjoni u dan kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza.*

*4. Illi ghalhekk jezistu cirkostanzi sabiex tintalab ir-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet inversi li tat lok ghall-mandat ta' zgumbrament in kwistjoni u dan ai termini ta' l-artikolu 811(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*5. Illi kontestwalment qed tigi ppresentata wkoll citazzjoni a tenur ta' l-artikolu 823(2) tal-Kap. 12 fejn qed tintalab is-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza.*

*Ra l-lista tax-xhieda a fol 3 tal-atti.*

*Ra d-dokumenti annessi mal-istess citazzjoni a fol 4 sa fol 7 tal-atti.*

*Ra n-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol 53 ibid) u li biha esponew bir-rispett:*

*Illi fl-ewwel lok, id-dezerzjoni tal-kawza stante li ma gewx maghluqa l-atti entro t-termini ta' sitt xhur kif kontemplat fl-artiklu 963 (1) tal-Kap 12.*

*Illi fil-mertu, t-talba ta' l-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li n – notifika tal-atti relattivi ghar-rikors numru 16/2005 fl-ismijiet inversi quddiem dan il-Bord saret regolarment u skond il-ligi.*

*Rat <u>id-dikjarazzjoni tal-fatti</u> annessi (fol 54 ibid) u li biha esponew bir-rispett Peter Micallef ikkonferma taht gurament:*

*1. Illi n-notifiki ta' l-atti relattivi ghar-rikors fl-ismijiet inversi u li jgib in-numru 16/2005 saret regolarment u skond il-ligi.*

*2. Illi ghalhekk ma jirrikorux ir-rekwisti ghar-ritrarrazzjoni tal-kawza deciza fl-14 ta' Mejju 2005 minn dan il-Bord.*

*Ra l-atti kollha tal-kawza inkluzi d-diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell kif ukoll kopja tal-mandat imsemmi u tas-sentenza in esami a fol 6 et seq ta' l-atti (Rikors numru 16//2005/1 JC).*

*Sema' t-trattazzjoni.*

***Ikkunsidra***

*Illi kif jidher mill-atti relattivi ghal dan il-kaz, wasal iz-zmien li tigi deciza t-talba ghat-thassir u r-ritrattazzjoni skont ic-citazzjoni in esami u <u>fil-mertu</u>.*

***Ikkunsidra** .*

*Illi l-attur jikkontendi li hu ma kienx gie notifikat bir-rikors numru 16/2005/1 deciz mill-Bord kif diversament presjedut. Illi in sostenn ta' dan hu xehed (fol 90 u fol 99 ibid). Illi fl-atti tal-kaz numru 16/05 JC a fol 5 "a tergo", hemm riferta li tghid li hu kien gie notifikat permezz ta' ittra rregistrata fit-18 ta' Frar, 2003. Hu jghid illi "kont barra mid-dar meta saret din ir-riferta ghax kelli problemi fl-istess dar," billi kien qed jirranga d-dawl kollu fl-istess post u billi "dawn kienu .... mal-mara ma min kont dak iz-zmien." Ghalhekk l-istess rikors "... qatt ma wasal f'idejja." Filfatt, minhabba dak premess kien dam barra minn dan il-post ghal madwar gimghatejn. F'dan il-perjodu kien qed jirrisjedi f'appartament iehor fil-Furjana, fil-vicinanzi moghti lilu min certu Simon Bartolo u ta' dan kien hallas Lm30. Inoltre, il-mara li semma kien jisimha Susan Slavinski u meta solva l-problemi li kellu maghha kien mar lura fil-post tieghu. F'dan il-perjodu kollu l-mara kienet baqghet tirrisjedi fil-post fejn saret in-notifika. Dwar id-dawl, kien gie rrangat minn wiehed Jugoslav izda ma kellux ircevuta tal-hlas ghar-raguni msemmija mill-attur. Fl-ahharnett, l-imsemmija mara qatt ma nfurmatu dwar l-istess rikors u hu kien hareg ghall-perjodu taz-zmien imsemmi mis-7 ta' Frar, 2005, ossia "....madwar" din id-data (ara wkoll fol 103 u fol 104 ta' l-istess atti).*

***Ikkunsidra***

*Illi l-konvenuti pproducew bhala xhud lil Raymod Falzon, l-ufficjal tal-Qorti nkarigat minn notifika relattiva (fol 96 sa fol 98 ibid). Hu irrefera ghal zewg "pink cards" (ara l-fotokopji a fol 98 ibid). Dik ta' fuq hi ffirmata min "certu Stephen Kolutrovic" aventi l-karta ta' l-identita' numru 2007276 (P) (ara wkoll dak li xehed l-avukat tal-konvenuti a fol 98).*

***Ikkunsidra.***

*Illi jekk jigu meqjusa l-provi kif esposti, wiehed bilfors ghandu jasal ghal-konkluzzjonijiet illi l-attur odjern, mighajr ebda dubju kien gie notifikat bir-rikors promotur. Dwar dan ma jistax ma jinghadx illi z-zewg persuni*

*msemmija fix-xhieda taghna ma gewx prodotti. L-istess jinghad ghal l-iricevuta msemmija fix-xhieda ta' l-istess attur.*

*Illi ghalhekk, ir-rimedju straordinarju, f'dan il-kaz ma jistax jinghata mill-Bord.*

*Ghal dawn il-motivi, il-Bord jichad it-talbiet attrici kif dedotti bl-ispejjez kollha jithallsu mill-istess attur."*

Illi l-appellanti Stephen Koludrovic interpona appella minn din id-decizjoni ta' ritrattazzjoni fejn jilmenta essenzjalment illi l-Bord ghamel apprezzament zbaljat tal-provi mismugha quddiemu u dan ghaliex almenu sal-grad tal-probabbi, ir-ritrattant, hawn appellanti, gab provi sufficjenti sabiex jipprova illi huwa qatt ma kien gie notifikat bir-rikors maghmul mill-appellati quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, li ghadda sabiex laqa' it-talba taghhom fil-kontumacja tieghu. Illi huwa minnu illi gie prodott bhala xhud Raymond Falzon, ufficjal tal-Qorti li ezebixxa zewg *pink cards*, izda ikkonferma il-firma tar-ritrattant fuq *pink card* wahda biss u kwindi hemm dubbju dwar il-validita o meno tan-notifika tar-ritrattant fil-proceduri promoturi.

Illi mill-atti probatorji jirrizulta illi n-"notifika" lill-appellanti saret lilu personalment u dan fit-18 ta' Frar 2005. Illi rinfaccjat b'dina ir-riferta pozittiva ghalhekk, il-Bord li Jirregola l-Kera ghadda ghad-decizjoni tieghu fejn gie ordnat l-isfratt ta'l-inkwilin mill-appartament mikri lilu mill-appellati u dana fil-kontumacja tieghu. Illi meta imbaghad l-appellanti irceva il-mandat ta' zgumbrament huwa ikkontesta il-validita tan-notifika lilu magmula ta'l-att promotur permezz tal-prezenti procedura ghal ritrattazzjoni abbazi ta' dak dispost fl-artikolu 811(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema talba izda

giet michuda permezz tas-sentenza impunjata u ghalhekk gie introdott il-prezenti appell.

L-appellanti qed jadduci bhala motiv ghar-ritrattazzjoni dak mahsub f'subparagrafu (b) ghall-Artikolu 811 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, dispositiv dan li jippropunja zewg elementi fundamentali, u cjoe, (i) li l-parti telliefa ma tkunx giet notifika bic-citazzjoni jew bl-att promotur ta' l-azzjoni, u (ii) li ghalkemm mhux notifikata ma tkunx ukoll dehret ghas-smiegh tal-kawza. Huwa indiskuss illi n-notifika ta' atti gudizzjarji hi regolata bid-disposizzjonijiet specifici fil-Kodici ta'l-Organizazzjoni u Procedura Civili u li l-validita' taghha tista' biss tregi jekk jigi ippruvat konkluzivament illi n-notifika saret skond kif mahsub fl-istess disposizzjonijiet. Is-subinciz (1) tal-Artikolu 187 ta' dan il-Kodici hekk jipprovdi:- "In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja ta' l-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata, jew billi dik il-kopja tithalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha, fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha."

"**Kif rilevat fid-decizjoni fl-ismijiet "Alessandro Delhin vs Antonio Darmanin et", Appell Civili 9 ta' Novembru 1927, "da tale disposizione si desume essere duplice la forma legale della notificazione di atti giudiziari, quella per cui la consegna della copia si fa direttamente alla persona da esserne notificata, o quella per cui la si fa indirettamente, col lasciare la stessa copia nella casa di abitazione o nella sede di affari della persona da notificarsi, nel quale ultimo caso pero`la consegna della copia della scrittura si deve fare o ad un membro della famiglie, o ad un addetto alla casa o al servizio della persona medesima." Naturalment l-Att XXIV ta' l-1995 li emenda l-Kap 12, u tibdiliet legislattivi ohra li saru qablu, estenda l-lista tal-persuni li maghhom il-kopja tal-att seta' jithalla. Ciononostante, l-istess hsieb formulat fil-precitata sentenza jibqa' wiehed validu. Tant dan hu hekk illi fis-sentenza fl-ismijiet "Alfred Cachia**

**nomine –vs- Salvino Sullivan et noe", Appell, 27 ta' April 1987, jinghad dan:- "Il-Qorti hi tal-fehma li l-imsemmija disposizzjoni tal-ligi hija ta' natura generali u hija ntiza biex tkopri l-kaz ta' notifika sija lill-persuna fizika sija lill-persuna morali. Dan jidher car ukoll minn nota marginali li hemm mal-imsemmija disposizzjoni li tghid ukoll b'mod generali kif isiru n-notifiki. Minn ezami tal-imsemmija disposizzjoni tal-ligi jidher li fl-ewwel parti taghha, d-disposizzjoni qed tenuncja r-regola generali li n-notifika ghandha ssir bil-konsenja ta' kopja tal-att lill-persuna li ghandha tkun notifikata. Imbaghad il-ligi tipprovdi alternattiva ghall-imsemmija notifika billi tikkontempla ghall-finijiet ta' notifika l-kaz fejn il-kopja tal-att jista' jithalla u ma' min jista' hekk jithalla u jiddisponi inter alia li l-kopja tal-att tista' tithalla fil-lok fejn tahdem jew fil-post tax-xoghol ma' persuna li tkun fis-servizz tal-persuna notifikanda jew ma' persuna awtorizzata biex tircievi l-posta tal-persuna notifikanda"**[1].

Illi l-appellanti isostni illi huwa qatt ma seta jigi notifikat fl-indirizz indikat fir-riferta u cioe' Flat 1, De Rohan Flats 19, Philip Sciberras Square, Floriana, billi f'dak iz-zmien huwa ma kienx qed ighix f'dina ir-residenza u cioe' fil-fond mertu ta' dawn il-proceduri minhabba xi disgwid li kellu mas-siehba tieghu u ukoll ghaliex kienu qed isiru xi xogholijiet f'dan il-fond. Ghalhekk huwa kien mar jirrisjedi ma' habib tieghu. Madankollu huwa ma iressaqx lil dawn in-nies bhala xhieda ta' tali fatt u lill-haddiema li allegatament kienu qed jahdmu fil-fond mikri lilu. Inoltre ghalkemm jikkontendi illi l-firma li hemm fuq ir-riferta ma hijiex tieghu, madanakollu ma jiehu l-ebda pass iehor sabiex jigi stabbilit l-awtenticita ta'l-istess permezz ta' nomina ta' xi espert kalligrafu.

Il-Qorti ghalhekk ghandha biss quddiemha riferta li fiha hemm il-firma tal-appellanti u il-konferma mill-marixxall tal-qorti illi l-appellanti kien gie debitament innotifikat. Prova kuntrarja ghal dan ma hemmx fl-atti ghajr ghal dak li jiddikjara l-appellanti stess. Illi anke *gratia argomenti* kellu jigi accettat illi in-notifika kienet saret lis-siehba tieghu li kienet ghadha qed tghix f'din ir-

[1] Ara sentenza Joseph Caruana Curran vs Victoria Vella deciza App. Inf. 12/05/2003

residenza mal-bint komuni taghhom, din in-notifika ghandha titqies illi hija wahda valida ai termini ta'l-artikolu 187 billi titqies illi thalliet ma' membru tal-familja ta'l-appellanti.

Stabbilit illi l-appellanti naqas milli jissostanzja b'raġuni plawsibbli u konvinċenti l-assunt tiegħu tal-invalidita' tan-notifika, din il-Qorti tqies, bhal l-Bord li Jirregola l-Kera, illi s-sentenza tal-4 ta' Mejju 2005 fejn l-appellati gew awtorizzati jirriprendu il-pussess tal-fond De Rohan Flats, numru dsatax (19), appartament numru 1, Philip Sciberras Square, Floriana, hija legalment valida ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u is-sentenza appellata ikkonfermata, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------